**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru, 2001

**Numru 9**

**Avviz numru 221/01JR**

**John Charles Doughty**

**vs**

**Kurt Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attur fl-4 t'April 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn hamsa u erbghin lira Maltija disgha u sebghin centezmu (Lm245.79) rizultanti minn incident stradali li sehh f'Regional Road, Msida, fl-4 ta' Jannar, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura DBD-692 ikkaguna skontru mal-vettura BAR-593, dak il-hin misjuqa mill-attur u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.**

**Ra ir-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Mejju 2001 fejn eccepixxa:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dana stante illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante illi l-istess incident ma sehhx bhala rizultat tat-traskuragni tal-konvenut izda sehh bhala rizultat tat-traskuragni ta' l-attur, li ghalhekk kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat fir-Regional Road int u tiela mill-Imsida u meta tigi biex taqbad ir-roundabout li taghti ghall-Birkirkara By-Pass. L-incident gara fl-4 ta' Jannar, 2001.**
2. **L-attur kien qed isuq il-vettura BAR-593 fuq in-naha tax-xellug tat-triq, u kien waqaf hdejn l-istop sign qabel ma taqbad ir-roundabout. L-attur kellu l-intenzjoni li jmur fid-direzzjoni ta' Birkirkara.**

3. **Jirrizulta li wara li l-attur kien beda miexi minn fuq l-istop sign, hass daqqa, li kienet ikkawzata mill-vettura DBD-692, misjuqa mill-konvenut, li**

kien miexi fl-istess triq, fl-istess direzzjoni, pero` kien fuq il-lemin tat-triq.

4. Ma jirrizultax li l-attur kellu l-“indicator mixghul”.

5. Skond ma xehed il-kuntistabbli tal-Pulizija PC1009 John Cassar, il-konvenut mexa wara li kienet cedietlu karozza, pero` meta beda miexi, dak li ceda rega’ saq. Il-konvenut gibed il-gewwa u laqat il-vettura ta’ l-attur. Jidher li l-konvenut ghamel din il-manuvra biex jevita li jahbat mal-vettura li kienet ser iccedilu li jghaddi.

6. Jirrizulta li biex jevita l-kollizzjoni mal-imsemmija terza vettura l-konvenut gibed sew il-gewwa u b’hekk gie fl-attur li kien beda miexi, u grat il-kollizzjoni.

7. Ghalhekk kien in-nuqqas tal-konvenut li ma kienx attent ghat-traffiku li kellu fuq in-naha ta’ gewwa, li kien unikament responsabbli ghall-kollizzjoni. Id-danni rizultanti mill-kollizzjoni huma dawk li jirrizultaw mir-ricevuti esebiti Dok.A sa Dok.D, fl-ammont imsemmi fl-avviz.

Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut

**ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn hamsa u erbghin lira Maltija disgha u sebghin centezmu (Lm245.79), bl-imghax legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**